



Ġabra tal-ġurisprudenza

Kawża T-332/22

TotalEnergies Marketing Nederland NV

vs

Il-Kummissjoni Ewropea

Sentenza tal-Qorti Ġenerali (It-Tieni Awla Estiża) tat-2 ta' Ottubru 2024

“Access għal dokumenti – Regolament (KE) Nru 1049/2001 – Dokumenti relatati ma' proċedura għall-applikazzjoni tal-Artikolu 101 TFUE – Rifjut ta' aċċess – Eċċezzjoni dwar il-protezzjoni tal-għanijiet ta' spezzjoni, ta' investigazzjoni u ta' awditu – Eċċezzjoni dwar il-protezzjoni tal-interessi kummerċjali ta' terz – Preżunzjoni ġenerali ta' kunfidenzjalità – Obbligu li jiġu identifikati d-dokumenti koperti mill-preżunzjoni u li tiġi pprovduta lista tagħhom”

1. *Istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea – Dritt ta' aċċess pubbliku għal dokumenti – Regolament (KE) Nru 1049/2001 – Eċċezzjonijiet għad-dritt ta' aċċess għal dokumenti – Interpretazzjoni u applikazzjoni stretti – Obbligu għall-istituzzjoni li twettaq eżami konkret u individwali tad-dokumenti – Portata – Esklużjoni tal-obbligu – Possibbiltà li jittieħdu bħala bażi preżunzjonijiet ġenerali li japplikaw għal ċerti kategoriji ta' dokumenti – Limiti (Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill Nru 1049/2001, Artikolu 4(2))*

(ara l-punti 18 sa 25)

2. *Istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea – Dritt ta' aċċess pubbliku għal dokumenti – Regolament (KE) Nru 1049/2001 – Eċċezzjonijiet għad-dritt ta' aċċess għal dokumenti – Protezzjoni tal-għanijiet ta' spezzjoni, ta' investigazzjoni u ta' awditu – Protezzjoni tal-interessi kummerċjali – Applikazzjoni għall-fajls amministrattivi relatati mal-proċeduri ta' kontroll tal-akkordji – Dokumenti skambjati bejn il-Kummissjoni u l-partijiet notifikanti jew terzi – Preżunzjoni ġenerali ta' applikazzjoni tal-eċċezzjoni għad-dritt ta' aċċess għad-dokumenti kollha tal-fajl amministrattiv – Ammissibbiltà – Modalitajiet ta' applikazzjoni – Obbligu li jiġu identifikati d-dokumenti koperti mill-preżunzjoni u li tiġi pprovduta lista tagħhom – Portata (Artikolu 101 TFUE; Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill Nru 1049/2001, Artikolu 4(2); Regolament tal-Kunsill Nru 1/2003, Artikolu 27(2); Regolament tal-Kummissjoni Nru 773/2004, Artikolu 15(2))*

(ara l-punti 26 sa 28, 36 sa 39, 45, 47, 50, 52, 53 u 57)

3. *Istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea – Dritt ta' aċċess pubbliku għal dokumenti – Regolament Nru 1049/2001 – Eċċezzjonijiet għad-dritt ta' aċċess għal dokumenti – Preżunzjoni ġenerali ta' applikazzjoni tal-eċċezzjoni għad-dritt ta' aċċess għad-dokumenti kollha tal-fajl*

amministrattiv relatat ma' proċedura ta' kontroll tal-akkordji – Inverżjoni ta' din il-preżunzjoni ġenerali – Interess pubbliku superjuri li jiġġustifika l-iżvelar ta' dokumenti – Kunċett – Interess suġġettiv tal-persuna kkonċernata li tiddefendi ruħha – Esklużjoni (Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill Nru 1049/2001, Artikolu 4(2))

(ara l-punti 41, 43 u 44)

Sunt

Il-Qorti Ġenerali ddeċidiet, bħala kulleġġ ġudikanti estiż, li tiċċad ir-rikors għal annullament ippreżentat mir-rikorrenti, TotalEnergies Marketing Nederland NV, kontra d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea¹ li ċaħdet, skont ir-Regolament Nru 1049/2001², it-talba konfermattiva tagħha għal aċċess għal dokumenti. Permezz tas-sentenza tagħha, il-Qorti Ġenerali ppreċiżat il-ġurisprudenza tagħha fil-qasam tal-aċċess għad-dokumenti³ billi ċċarat l-obbligi li għandha l-Kummissjoni meta topponi preżunzjoni ġenerali ta' kunfidenzjalità għal talba ta' aċċess għal dokumenti li jinsabu fil-fajl relatat ma' proċedura għall-applikazzjoni tal-Artikolu 101 TFUE.

Fit-13 ta' Settembru 2006, il-Kummissjoni adottat deċiżjoni dwar proċedura għall-applikazzjoni tal-Artikolu 101 TFUE⁴, li kkonstatat il-parteċipazzjoni ta' diversi impriżi, fosthom ir-rikorrenti, fi ksur tal-Artikolu 101 TFUE (iktar 'il quddiem il-“każ tal-bitum”). F'Ġunju 2021, ir-rikorrenti ressqet ħames talbiet għal aċċess għal dokumenti relatati mal-każ tal-bitum.

Fid-deċiżjoni tagħha tal-4 ta' Lulju 2021, il-Kummissjoni bbażat ruħha fuq il-preżunzjoni ġenerali ta' kunfidenzjalità li tikkonċerna d-dokumenti li jinsabu fil-fajl amministrattiv relatat ma' proċedura għall-applikazzjoni tal-Artikolu 101 TFUE sabiex ċaħdet erbgħa mill-ħames talbiet, minħabba li d-dokumenti mitluba kienu koperti mill-eċċezzjonijiet previsti mir-Regolament Nru 1049/2001⁵.

Wara ċ-ċaħda mill-Kummissjoni tat-talba konfermattiva mressqa mir-rikorrenti f'Awwissu 2021, li permezz tagħha hija stiednet lill-Kummissjoni teżamina mill-ġdid id-deċiżjoni tagħha tal-4 ta' Lulju 2021, ir-rikorrenti ippreżentat rikors quddiem il-Qorti Ġenerali intiż għall-annullament tad-deċiżjoni kkontestata.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali

Preliminarjament, il-Qorti Ġenerali fakkret li mis-sistema ta' eċċezzjoni stabbilita mir-Regolament Nru 1049/2001⁶ jirriżulta li d-dritt ta' aċċess għad-dokumenti tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea huwa suġġett għal ċerti limiti bbażati fuq raġunijiet ta' interess pubbliku jew privat. Peress li tali eċċezzjonijiet jidderogaw mill-prinċipju ta' aċċess l-iktar wiesa' possibbli tal-pubbliku għad-dokumenti, dawn l-eċċezzjonijiet għandhom jiġu interpretati u applikati b'mod strett.

¹ Deċiżjoni C(2022) 1949 finali tal-Kummissjoni Ewropea tat-23 ta' Marzu 2022 (iktar 'il quddiem id-“deċiżjoni kkontestata”).

² Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1, Vol. 3, p. 331).

³ Sentenza tat-28 ta' Mejju 2020, Campbell vs Il-Kummissjoni (T-701/18, EU:T:2020:224).

⁴ Każ COMP/F/38.456 – Bitum – Il-Pajjiżi l-Baxxi.

⁵ It-tielet inċiż tal-Artikolu 4(2) u l-Artikolu 4(3)tar-Regolament Nru 1049/2001.

⁶ Artikolu 4 tar-Regolament Nru 1049/2001.

F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali fakkret li, meta istituzzjoni, korp jew organu tal-Unjoni li quddiemhom titressaq talba għal aċċess għal dokument jiddeċiedu li jiċħdu din it-talba abbażi ta' waħda mill-eċċezzjonijiet previsti mir-Regolament Nru 1049/2001, huma għandhom, bħala prinċipju, jipprovdu spjegazzjonijiet fir-rigward tal-kwistjoni ta' kif l-aċċess għal dan id-dokument jista' konkretament u effettivament jippreġudika l-interess protett minn din l-eċċezzjoni u r-riskju ta' tali preġudizzju għandu jkun raġonevolment prevedibbli u mhux purament ipotetiku. Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja rrikonoxxiet li huwa possibbli għal din l-istitutuzzjoni, għal dan il-korp jew għal dan l-organu li jibbażaw ruħhom, f'dan ir-rigward, fuq preżunzjonijiet ġenerali li japplikaw għal ċerti kategoriji ta' dokumenti, peress li kunsiderazzjonijiet ta' natura ġenerali simili jistgħu japplikaw għal talbiet ta' żvelar li jirrigwardaw dokumenti tal-istess natura.

L-għan ta' dawn il-preżunzjonijiet ġenerali jinsab fil-possibbiltà, għall-istitutuzzjoni, għall-korp jew għall-organu tal-Unjoni kkonċernati, li jikkunsidraw li l-iżvelar ta' ċerti kategoriji ta' dokumenti, bħala prinċipju, jippreġudika l-interess protett mill-eċċezzjoni invokata minnhom, abbażi ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet ġenerali, mingħajr ma jkunu marbuta li jeżaminaw b'mod konkret u individwali kull wiehied mid-dokumenti mitluba. L-eżistenza ta' preżunzjoni ġenerali ta' kunfidenzjalità ma teskludix il-possibbiltà li jintwera li dokument speċifiku, li l-iżvelar tiegħu huwa mitlub, ma huwiex kopert minn din il-preżunzjoni jew li jeżisti interess pubbliku superjuri li jiġġustifika l-iżvelar ta' dan id-dokument, skont l-Artikolu 4(2) tar-Regolament Nru 1049/2001.

Il-Qorti tal-Ġustizzja rrikonoxxiet l-eżistenza ta' preżunzjonijiet ġenerali ta' kunfidenzjalità għal ħames kategoriji ta' dokumenti, fosthom id-dokumenti li jinsabu f'fajl relatat ma' proċedura għall-applikazzjoni tal-Artikolu 101 TFUE. Fil-fatt, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li l-Kummissjoni kellha dritt tippreżumi⁷, mingħajr ma twettaq eżami konkret u individwali ta' kull wiehied minn dawn id-dokumenti, li l-iżvelar tagħhom jippreġudika, bħala prinċipju, il-protezzjoni tal-interessi kummerċjali tal-impriżi involuti f'tali proċedura kif ukoll il-protezzjoni tal-għanijiet ta' investigazzjoni relatati magħha.

Fl-ewwel lok, fir-rigward tal-applikabbiltà tal-preżunzjoni ġenerali ta' kunfidenzjalità invokata mill-Kummissjoni, il-Qorti Ġenerali rrilevat li mir-Regolament Nru 1/2003⁸ jirriżulta li, fil-kuntest ta' investigazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tar-regoli relatati mal-applikazzjoni tal-Artikolu 101 TFUE, il-korrispondenza bejn il-Kummissjoni u l-awtoritajiet tal-kompetizzjoni tal-Istati Membri tagħmel parti mid-dokumenti interni li jinsabu fil-fajl tal-Kummissjoni. Barra minn hekk, mill-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni f'dan il-qasam⁹ jirriżulta li l-korrispondenza bejn il-Kummissjoni u l-awtoritajiet pubbliċi oħra miżmuma matul investigazzjoni taqa' taħt id-dokumenti interni mhux aċċessibbli li jagħmlu parti mill-fajl tal-Kummissjoni. Il-komunikazzjonijiet bejn il-Kummissjoni u l-awtoritajiet nazzjonali dwar il-każ tal-bitum, li għalihom ir-rikorrenti kienet talbet l-aċċess, kienu għalhekk jinsabu f'fajl dwar proċedura għall-applikazzjoni tal-Artikolu 101 TFUE.

⁷ Għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-eċċezzjonijiet previsti fl-ewwel u fit-tielet inċiż tal-Artikolu 4(2) tar-Regolament Nru 1049/2001.

⁸ Artikolu 27(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003 tas-16 ta' Diċembru 2002 fuq l-implimentazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni mniżżlin fl-Artikoli [101] u [102 TFUE] (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 2, p. 205).

⁹ Punti 1 u 15 tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar ir-regolamenti tal-aċċess għall-fajl tal-Kummissjoni f'każijiet skont l-Artikoli [101] u [102 TFUE], l-Artikoli 53, 54 u 57 tal-Ftehim taż-ŻEE u tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 (ĠU 2005, C 325 p. 7).

Minn dan l-Qorti Ġenerali ddeduċiet li l-Kummissjoni kellha d-dritt li ssostni l-eżistenza ta' preżunzjoni ġenerali ta' kunfidenzjalità, skont l-applikazzjoni tar-Regolament Nru 1049/2001¹⁰, li abbażi tagħha l-iżvelar tad-dokumenti tal-fajl amministrattivi tal-każ tal-bitum kien jippreġudika, bħala prinċipju, minn naħa, il-protezzjoni tal-għanijiet ta' spezzjoni, ta' investigazzjoni u ta' awditu u, min-naħa l-oħra, il-protezzjoni tal-interessi kummerċjali.

Fit-tieni lok, fir-rigward tal-modalitajiet ta' applikazzjoni tal-preżunzjoni ġenerali ta' kunfidenzjalità invokata mill-Kummissjoni, il-Qorti Ġenerali fakkret li mis-sentenza Campbell vs Il-Kummissjoni jirriżulta li, meta istituzzjoni tikkunsidra li preżunzjoni ġenerali ta' kunfidenzjalità tkun applikabbli, hija tkun tista' tirrispondi b'mod globali għal talba ta' aċċess, fis-sens li din il-preżunzjoni teħlisha mill-obbligu li tipprovdi spjegazzjonijiet rigward il-kwistjoni dwar kif l-aċċess għal dokument imsemmi f'din it-talba jippreġudika konkretament l-interess protett. Madankollu, l-applikazzjoni ta' preżunzjoni ta' kunfidenzjalità ma tistax tiġi interpretata bħala li tippermetti lill-istituzzjoni tirrispondi b'mod globali li d-dokumenti kollha msemmija fit-talba ta' aċċess jappartjenu għal fajl kopert minn preżunzjoni ġenerali ta' kunfidenzjalità, mingħajr ma jkun hemm għalfejn jiġu identifikati dawn id-dokumenti jew tiġi stabbilita lista. Fil-fatt, f'din is-sentenza, il-Qorti Ġenerali kkunsidrat li huwa biss ladarba l-istituzzjoni tidentifika liema kienu d-dokumenti msemmija fit-talba ta' aċċess li hija tista' tikklassifika skont kategoriji minħabba l-karatteristiċi komuni tagħhom, mill-istess natura tagħhom jew minħabba li jappartjenu għall-istess fajl u li għalhekk tista' tapplika għalihom preżunzjoni ġenerali ta' kunfidenzjalità. Fin-nuqqas ta' tali identifikazzjoni, il-preżunzjoni ta' kunfidenzjalità tkun inkonfutabbli.

Issa, minn naħa, il-Qorti Ġenerali rrilevat li, fil-kawża li tat lok għas-sentenza Campbell vs Il-Kummissjoni, it-talba għal aċċess kienet ġiet ifformulata b'mod astratt u ġenerali, sa fejn kienet tirrigwarda d-dokumenti kollha miżmuma mill-Kummissjoni. Issa, b'differenza minn dik il-kawża, f'dan il-każ, ir-rikorrenti talbet aċċess għal tipoloġija preċiża ta' dokumenti identifikati b'mod preċiż li jikkonċernaw proċedura għall-applikazzjoni tal-Artikolu 101 TFUE. Min-naħa l-oħra, hija kkonstatat li, b'differenza mill-kawża ċċitata iktar 'il fuq, il-Kummissjoni identifikat, fid-deċiżjoni kkontestata, id-dokumenti koperti mit-talbiet b'mod konġunt, billi ppreċiżat fl-evalwazzjoni tagħha li dawn kienu skambji mal-awtoritajiet Olandiżi fil-kuntest tal-każ tal-bitum, u li dawn id-dokumenti kienu jagħmlu parti mill-fajl ta' din il-kawża u kienu koperti mill-preżunzjoni ġenerali ta' kunfidenzjalità. Il-Kummissjoni esponiet ukoll il-parametri ta' din il-preżunzjoni ġenerali ta' kunfidenzjalità u l-applikazzjoni tagħha għal dan il-każ.

F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali ppreċiżat li l-istituzzjoni, il-korp jew l-organu tal-Unjoni li jwieġbu talba għal aċċess għal dokumenti, meta japplikaw preżunzjoni ġenerali ta' kunfidenzjalità, ma humiex, f'kull każ, obbligati li jipprovdu lill-applikant lista tad-dokumenti koperti mill-imsemmija preżunzjoni. Għall-kuntrarju, il-provvista ta' tali lista hija biss wieħed mill-mezzi possibbli sabiex jiġu identifikati d-dokumenti mitluba, b'tali mod li l-applikant ikollu l-possibbiltà li jikkonfuta l-applikazzjoni ta' din il-preżunzjoni. B'mod partikolari, il-provvista ta' tali lista ta' dokumenti ma hijiex neċessarja meta d-dokumenti msemmija, tal-inqas it-tip tagħhom, jirriżultaw diġà mit-talba għal aċċess u meta l-applikant ikollu, bħala prinċipju, il-possibbiltà li jsostni li dokument ma huwiex kopert mill-applikazzjoni tal-preżunzjoni ġenerali ta' kunfidenzjalità.

¹⁰ B'applikazzjoni tal-ewwel u t-tielet inċiż tal-Artikolu 4(2) tar-Regolament Nru 1049/2001.

Konsegwentement, il-Qorti Ġenerali kkunsidrat li l-fatt li d-dokumenti li l-iżvelar tagħhom kien mitlub kienu identifikati kemm fir-rigward tan-natura tagħhom kif ukoll għall-fatt li kienu jappartjenu għal fajl amministrattiv relatat ma' proċedura għall-applikazzjoni tal-Artikolu 101 TFUE kien biżżejjed sabiex jiġġustifika l-applikazzjoni tal-preżunzjoni ġenerali ta' kunfidenzjalità, mingħajr ma l-Kummissjoni kienet obbligata tipprovdi lir-rikorrenti lista ta' dawn id-dokumenti.